**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

**MALTA**

Avviz Numru CCT 112/15/GB

**Isabel Georgieva Teuma**

**vs**

**Falcar Ltd.**

Illum 22 ta' Lulju 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-2 ta' Gunju, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet mija hamsa u sebghin Ewro (€375.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal 'stroller', li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema 'stroller' kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat 'stroller' minghand is-socjeta' ntimata, liema 'stroller' kellha 'chassis' iddanneggjat. L-ebda mill-accessorji ma kienu qed jidhlu sew. Is-socjeta' ntimata kienet irrangat ix-'chassis' u dan kien hadem sew ghal ftit, pero' l-istess problema regghat tfaċċat wara ftit taz-zmien, u mbaghad saret aghar milli qatt kienet. Wara xahar u nofs tuża l-'pushchair' din bdiet tissaddad. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti kkuntattjat lis-socjeta' estera fejn ġiet informatha illi kienet qed tuża prodotti tat-tindif li kkawzaw is-sadid, li ċertament ma kienx il-kaz. Is-socjeta' ntimata riedet tbiddel ix-'chassis' biss, pero' r-rikorrenti ma aċċettatx ghaliex ma kellha l-ebda garanzija li ma kienitx ser terga' tissaddad.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ix-'chassis' ta' l-istroller in kwistjoni huwa maghmul mill-aluminium. Partijiet ohrajn tax-'chassis' huma maghmulin mill-plastik jew 'steel', hekk kif jiddependi mill-funzjoni tal-part in kwistjoni. Malli r-rikorrenti kienet ilmentat fuq is-sadid fuq ix-'chassis' hija kienet ġiet offruta li x-'chassis' jinbidel. Din kienet issolvi l-problema, pero' r-rikorrenti ma aċċettatx.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' riċevuta, li ġiet immarkata bhala Dok.IG1; żewġ (2) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.IG2 u Dok.IG3;'claim resolution form', li ġiet immarkata bhala Dok.IG4; estratt mill-garanzija, li ġiet immarkata bhala Dok.IG5; kif ukoll korrispondenza bejnha u bejn is-socjeta' estera, li ġiet immarkata bhala Dok.IG6.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet sett ta' korrispondenza, li ġiet immarkata bhala Dok.FL1.

It-Tribunal josserva wkoll illi s-socjeta' ntimata baqghet toffri li tbiddel il-'frame' kollu ta' l-istroller in kwistjoni, pero' r-rikorrenti ma accettatx.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata. It-Tribunal jinnota illi madanakollu, is-socjeta' ntimata kienet offriet illi tbiddel il-'frame' ta' l-istroller in kwistjoni (liema offerta kienet ġiet *michuda mir-rikorrenti minghajr ebda raġuni valida*), u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal tali offerta, u jordna lis-socjeta' ntimata tbiddel il-'frame' ta' l-istroller in kwistjoni, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**